MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 3/2010

**Angelo Buttigieg**

**vs**

**Fibre Marketing Ltd**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta' Mejju, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-25 ta' Gunju, 2009 fejn ir-rikorrent talab danni ta' seba' mija u hamsin ewro (€750) rapprezentanti prezz ta' arblu tal-bandiera illi kien difettuz.

L-intimatipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-

fis-16 ta' Lulju, 2008 xtara arblu tal-bandiera minghand id-ditta intimata;

l-informazzjoni li kien tah l-intimat meta hu staqsa dwar il-karatteristici u s-sahha ta' l-arblu, l-intimat infurmah illi dak huwa tip ta' arblu li jintuza fuq Yachts, jiflah hafna rih, ma jiehu ebda vent, ma hemmx ghalfejn joqghod jitnizzel fix-xitwa basta li ma jkun hemm bandiera mtella' mieghu, u importanti li jitwahhal skond l-istruzzjonijiet li jinghataw bil-miktub lill-konsumatur. Huwa segwa dawn l-istruzzjonijiet kollha u kkonferma wkoll mat-tekniku tal-kumpanija intimata illi l-arblu kien twahhal skond dawk l-istess struzzjonijiet;

fit-3 ta' Marzu, 2009 waqt maltempata li hakmet lil Ghawdex l-arblu tqaccat u baqa' mdendel ghal got-triq bl-istess habel tal-bandiera., Huwa nforma b'dan lill-kumpanija intimata li ghall-ewwel offrewlu li jsewwulu l-istess arblu izda wara li huwa baghtilhom ir-ritratti ta' kif gie ridott l-arblu, huma nfurmawh li dak l-arblu ma seghat jigi msewwi u ghalhekk kienu qed joffrulu illi jaqtu' l-parti li kienet ghadha tajba, jistmaw kemm tiswa, u jaghtuh kreditu taghha fuq arblu iehor gdid li hu jixtri minghandhom;

skond ma nfurmah l-intimat, l-ispejjez involuti ghat-tragitt bejn Malta u Ghawdex, kemm tal-arblu

l-miksur kif ukoll tal-arblu l-gdid, ghandhom jigu sopportati minnu.

L-intimat issottometta bil-miktub illi :-

in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija wahda improponibbli stante li ma huma ma gewx notifikati bl-Avviz kif provdut f’Artikolu 79 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378);

l-azzjoni attrici, in kwantu qed tallega difett fl-arblu kkonsenjat minnhom, hija perenta bid--dekors ta' sitt (6) xhur a tenur ta' Art. 1431 (1) tal-Kodici Civili (Kap. 16);

id-danni allegati subiti fl-arblu de quo gew kawzati minn forza magguri, a tenur tal-Art. 1133 u 1134 tal-Kodici Civili, u ghalhekk huma ma jistux jigi tenuti responsabbli ghalihom;

huma ma humiex responsabbli ghad-danni li gew allegatament subiti fl-arblu de quo u kwalsiasi htija addebitata lilhom u kwalsiasi ammont in linea ta' danni li qed jirreklama l-attur ghandhom jigu debitament ippruvati a tenur ta' Art. 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12);

L-azzjoni attrici hija wahda intempestiva stante li huma kienu diga offrew - fi zmien meta kellhom arbli ohra ta' l-istess tip ghal bejgh bil-prezz ta' €690 - illi, fuq bazi purament ex gratia u minghajr ebda ammissjoni ta' htija, jikkonsenjaw arblu gdid lill-attur ghall-prezz ridott ta €280 u bil-kondizzjoni illi l-istess attur jirritorna l-arblu danneggjat - li parti minnu ghandha tkun ta' mhux inqas minn disa' (9) metri tul u f’kundizzjoni tajba - gewwa l-mahzen taghhom u jigbor l-arblu l-gdid minn gewwa l-istess mahzen, izda l-attur irrifjuta.

It-Tribunal ezamina r-ritratti u d-dokumenti esibiti.

It-Tribunal jinnota illi :-

Ir-rikorrent xtara arblu tal-bandiera minghand id-ditta intimata sabiex iwahhlu fuq il-fond tieghu gewwa Sannat, Ghawdex. Dan it-tip ta' arblu huwa importat u huwa mahdum mill-fibre. Ir-rikorrent wahhal l-arblu f'postu skond l-istruzzjonijiet mghotija lilu bil-miktub mill-intimat u wzah billi wahhal bandiera mieghu fil-festa tar-rahal.

L-intimat ikkontenda illi ga la darba l-arblu ma gralu xejn meta kellu l-bandiera mwahhla mieghu, u tqaccat waqt maltempata qalila li hakmet l-Ghawdex fl-4 ta' Marzu, 2009 allura l-arblu ma kellu ebda difett u dak li gara kien dovut biss ghal zewg ragunijiet, wahda illi r-rikorrent ma hax prekawzjoni u nizzel l-arblu qabel il-maltempata, u t-tieni illi l-maltempata vjolenti li dak in-nhar tal-incident laqtet lill-Ghawdex kienet 'an act of God' u ghalhekk huma ma kienux responsabbli ghall-hsara.

Minn dokument ufficcjali mibghut lit-Tribunal mill-Ufficcju Meteorologiku tal-'Malta International Airport' jirrizulta illi fl-4 ta' Marzu, 2009 fid-9.50 am inharget twissija ta' rih qawwi ghall-gzejjer Maltin fejn indikat illi r-rih Xlokk kien ser isir qawwi fuq l-inhawi tal-Gzejjer Maltin fejn jaqbel u jsir qawwi hafna fil-ghaxija. Din it-twissija kienet tghodd sa mill-anqas id-9 ta' filghaxija l-Erbgha ta' Marzu 09.

Mill-istess rapport jirrizulta illi s-sahha tar-rih fl-4 ta' Marzu, 2009 bejn is-6.00pm u d-9.00pm lahqet is-sahha ta' sitta u ghoxrin (26) mil nawtiku fis-siegha u kien hemm registrati bufuri ta' sebgha u erbghin (47) mil nawtiku fis-siegha. Skond il-'Beaufort Wind Scale' meta s-sahha tar-rih tkun dik ta' sitta u ghoxrin (26) dan ifisser li jkun rih qawwi bl-effetti tar-rih ikunu :- 'Larger tree brances moving, whistling in wires, filwaqt li dik ta' sebgha u erbghin (47) mil nawtiku tfisser illi hija l-'border line' li tikklassifika bejn 'severe gale' u 'storm' bl-effetti tar-rih ikunu bejn :- 'Slight structural damage

occurs, slate blows off roofs' u 'Trees broken or uprooted, considerable structural damage'.

It-Tribunal jinnota illi meta persuna tixtri u twahhal arblu fuq faccata ta' bejt, dik il-persuna ghandha tosserva certi avvizi mahruga mill-Ufficcju Meteorologiku ta' Malta u tiehu l-prekawzjonijiet kollha possibbli sabiex timminimizza l-eventwali hsara li tista' tigri. It-Tribunal f'dan il-kaz josserva illi r-rikorrent naqas milli jiehu anke l-anqas prekawzjoni possibbli u b'hekk irrizultat il-hsara in kwistioni.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal, wara li kkonsidra hawn fuq, u wara li ra illi l-hsara li garrab l-arblu ma kienetx dovuta ghal xi difett fil-manifattura ta' l-istess arblu, izda kienet dovuta ghal maltempata illi laqtet il-gzejjer Maltin, u wara li kkonsidra wkoll illi l-Ufficcju Meteorologiku kien hareg avviz bi twissija ta' din il-maltempata sa mid-9.50am meta l-maltempata lahqet il-qawwa taghha bejn is-600pm u d-9.00pm, u li fil-frattemp ir-rikorrent ma ha ebda prekawzjoni sabiex inehhi jew inaqqas il-possibilta' ta' xi hsara fuq l-arblu in kwistjoni, jichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.**"**

Minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Angelo Buttigieg principalment bl-aggravji li gejjin:-

1. Is-sentenza hi nulla stante li isem is-socjeta` intimata mhux Fibre Marketing Ltd;

2. It-Tribunal illedielu l-principju ta' l-*equality of arms* meta kompla jisma' l-kaz fl-assenza tal-konsulent legali tieghu u ma giex moghti lilu l-possibilita` li jaghmel il-kontro-ezamijiet relattivi;

Fuq l-ewwel aggravju l-atti juru din ir-rapprezentazzjoni:-

i. Skond l-Avviz tat-Talba l-azzjoni giet mill-appellanti istitwita kontra s-socjeta` Fiber Marketing Ltd;

ii. Ir-Risposta ghal din l-azzjoni saret mis-socjeta` Fibermar Marketing Limited;

iii. Fl-okkju taghha s-sentenza turi li s-socjeta` mharrka hi Fibre Marketing Ltd;

Hu mill-ewwel ikkonstatat illi, ankorke wiehed kellu jinjora l-isem tas-socjeta` skond ir-Risposta, xorta wahda dak indikat fis-sentenza ma jirrispekkjax dak muri fl-atti li bih giet inizzjata l-procedura. Jikkonsegwi illi jezisti nuqqas fl-okkju tas-sentenza meta paragonat ma' l-okkju tal-kawza;

Hu sew maghruf illi Qorti ta' Appell ma tistax tordna l-korrezzjoni ta' l-atti li jkunu saru quddiem qorti jew tribunal ta' l-ewwel istanza. Ara "**Alfred Mifsud *et* -vs- Antonio Tabone**", Appell Civili, 8 ta' April, 1957. F'kaz bhal dan il-Qorti tista' biss tillimita ruhha biex tikkonstata l-izball rizultanti mis-sentenza u ma ghandhiex rimedju iehor hlief dak li tirrevoka dik is-sentenza u tillibera *ab observantia*. Ara "**Francesco Busuttil -vs- Giuseppe Tanti Bellotti *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1952. Dan huwa hekk ghaliex huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Ara "**Louise Anne Sultana -vs- Il-Kummissarju ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 14 ta' April, 1997;

Din il-qaghda ma jidherx li tbiddlet bl-emendi introdotti ghall-Kodici ritwali bl-Att XXIV ta' l-1995 in kwantu l-Artikolu 175 (2) tieghu ma jirrizultax li gie emendat. Skond kif jinsab deciz, f'qaghda bhal din il-Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex is-setgha li tikkorregi zbalji fl-iskritturi ta' l-ewwel tribunal in kwantu "l-awtorita` korrettiva ta' din il-Qorti ma testendix ruhha sas-sentenza

li tkun appellata quddiemha". Ara "**Joseph Busuttil -vs- Avv. Dottor John Mamo *nomine***", Appell, 28 ta' Frar, 1997 u "**Victor Zammit *et* -vs- Joseph Stivala**", Appell, 19 ta' April, 1999;

Premess dan, huwa proceduralmnet issuggerit illi minflok ma tghaddi ghal-liberazzjoni *ab observantia* l-Qorti tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal ghall-opportuna korrezzjoni. Il-Qorti qeghda topta ghal din l-ghazla biex, kif diga kellha okkazjoni tirrimarka, fuq appell lilha mill-istess Tribunal adit, b'hekk jigu evitati proceduri separati b'hela ta' zmien u energija, u bi spiza zejda ghall-partijiet. Ara "**Edward Barbara -vs- Issa Isslam Tawfik Issa**", 28 ta' Jannar, 2008;

Gjaladarba l-Qorti ddeterminat illi s-sentenza hi sostanzjalment difettuza, strettament m'ghandhiex l-obbligu li tinoltra ruhha biex tinvesti t-tieni aggravju. B'danakollu, gjaladarba din hi okkazjoni ta' l-ahhar ghal din il-Qorti kif presjeduta, opportunement thoss li ghandha, anke jekk brevement, taghmel il-ftit konsiderazzjonijiet li gejjin:-

1. Ghalkemm it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur huwa organament sommarju [Artikolu 23 (2) (a)] u mhux lanqas marbut b'formalita` zejda [Artikolu 23 (3)] dan ma jfisserx li m'ghandux fil-minimu josserva certi dixxiplini processwali. *Inter alia*, li jekk jisma' xhieda din ghandha tigi traskritta. Jekk xejn, biex din il-Qorti tkun tista' ssegwi l-*iter* tal-hsieb li jkun wassal lit-Tribunal ghall-konvinciment tieghu. Proprju fuq dan il-punt il-Qorti kienet issoffermat fid-decizjoni taghha fl-ismijiet "**Vincenza Farrugia Spiteri -vs- George Cortis**", 24 ta' April, 2009;

2. It-Tribunal ghandu dejjem jassikura li l-partijiet jinghataw l-opportunita li jressqu l-provi taghhom u l-possibilita li jaghmlu d-deduzzjonijiet u l-kontro-deduzzjonijiet taghhom. Dan il-principju jabbraccja kwalsiasi materja ta' *fair hearing* u ta' l-*equality of arms*. Ara "**Antonio Sammut -vs- John Bella McCance**", Prim'

Awla, Qorti Civili, 29 ta' Mejju, 1946 u "**Joseph Grech -vs-Avukat Generali**", Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Dicembru, 2000. Il-principju hu inderogabbli in kwantu ta' ordni pubbliku;

3. Il-garanzija espressa b'dan il-principju sservi biex ikun assigurat difiza xierqa b'mod li l-partijiet jinghataw id-dritt tal-kontroll shih tal-provi u dak tal-*fairness* tal-process. Dan fuq zewg livelli, u cjoe (i) li jinghataw il-possibilita` li jiddefendu l-kaz taghhom permezz ta' rapprezentant legali u (ii) li jinghataw il-facilita` li jikkontro-ezaminaw lix-xhieda b'konfront dirett. Jekk dan ma jsirx jigi nieqes dak il-*fairness* li hu ghab-bazi ta' l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni. Ara fost bosta ohrajn "**Il-Pulizija -vs-Carmelo Ellul Sullivan *et***", Qorti Kostituzzjonali, 5 ta' April, 1989 u "**Carmelo Camilleri -vs- Onor. Prim Ministru *et***", Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Mejju, 1999.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi takkolji l-ewwel aggravju ta' l-appellanti u b'hekk tannulla s-sentenza appellata. L-atti qeghdin jigu rinvijati lura lit-Tribunal sabiex dan jiddeciedi l-kawza fl-ambitu tal-konsiderazzjonijiet maghmula u tal-ligi. L-ispejjez jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------